MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Numru 561/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**ELAINE MUSCAT**
**MATTHEW MUSCAT**

**Illum 10 ta' Settembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom:

**Elaine Muscat**, ta' 23 sena bint il-mejjet Louise Muscat u Valerie Borg, imwielda Pieta`, nhar 19/04/1981, residenti

43, Flat 3A, St. Paul’s Building, West Street, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-Identita B’numru 204981 (M);

**Matthew Muscat**, ta’ 20 sena bin il-mejjet Louise Muscat u Valerie Borg, imwieled Pieta`, nhar 20/11/1983, residenti 45, Flat 4, St Ursula Street, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-Identita b’numru 602683(M)

gew akkuzati talli matul ix-xhur ta’ April u Mejju, 2004, minn gewwa l-Belt Valletta:-

1. B’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda u cioe` ikkommettew serq ta’ hwejjeg minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta’ ‘Celio’, ghad-dannu ta’ l-istess sid, u minn stabbilimenti ohra mhux maghrufa tal-hwejjeg, ghad-dannu ta’ l-istess sidien, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u cioe` li jaqbez il-mitt lira Maltin u li izda ma jeccedix l-elf lira Maltin, u dan bi ksur tal-artikolu 18, 261(c) 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi, u/jew fil-granet ta’ wara dawn id-dati, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess zminijiet u/jew fiz-zminijiet ta’ wara f’dawn il-Gzejjer, kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-

President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali fil-konfront taz-zewg imputati esebit bhala Dok. RM5 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Ordni ta’ l-Avukat Generali a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) fil-konfront tal-imputata Elaine Muscat esebita bhala Dok. RM6 u l-Ordni ta’ l-Avukat Generali a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) fil-konfront ta’ l-imputat Matthew Muscat esebita bhala Dok. RM7 u nnutat li l-imputati ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca ddikjara li in kwantu ghat-tieni akkuza moghtija fil-konfront taz-zewg imputati, li tirrigwarda ricettazzjoni, din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza fil-konfront taz-zewg imputati, li tirrigwarda serq, ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Innutat ukoll li l-imputati ammettew l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermax l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermax

l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja ta’ l-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza.

Innutat li fid-depozizzjoni tax-xhud Jerome Grech moghtija fis-Seduta ta’ llum, dan ix-xhud qal: “Nghid jiena Direttur tal-kumpanija *Celio* u ghan-nom ta’ l-istess kumpanija niddikjara illi l-valur ta’ l-oggetti li gew misruqa lilna rigwardanti dan il-kaz jammontaw ghal, nghid illi l-ammont *cost price* ta’ l-oggetti li gew misruqa lilna rigwardanti dan il-kaz huwa ta’ mitejn u hamsin lira (Lm250) *cost price*, u dan huwa l-ammont li jiena qieghed nippretendi.

Qed nigi muri d-dokument Dok. RM11 u nghid li l-ammont indikat fuq id-dokument, u cjoe` ta’ erba’ mija tnejn u sittin lira u hamsa u sebghin centezmi (Lm462.75) huwa l-ammont ta’ l-istess oggetti imma dan m’huwiex il-*cost price* imma huwa s-*selling price*. Konsegwentement nghid li l-ammont illi ahna qeghdin nippretendu huwa ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens jiena Direttur tal-kumpanija *Basic Malta Limited* u li hija l-proprjetarja ta’ l-istabbiliment *Celio*.”

Inoltre innutat li Dr. Jose` A. Herrera ghall-imputati ddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputati qed jaccettaw l-ammont ta’ Lm250 bhala l-ammont li ghandhom ihallsu lill-kumpanija *Basic Malta Limited* li hija l-proprjetarja ta’ l-istabbiliment *Celio* u iddikjaraw li qeghdin f’pozizzjoni li jhallsu dan l-ammont fi zmien sitt xhur millum.

Innutat ukoll li Jerome Grech ghall-kumpanija *Basic Malta Limited* li hija l-proprjetarja ta’ l-istabbiliment *Celio* iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li qed jaccetta din il-modalita` tal-hlas suggerita mill-imputati.

Inoltre innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 18, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9, l-Ewwel Skeda u d-dispozizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati.

Issib lill-imputati Elaine Muscat u Matthew Muscat, fuq ammissjoni, hatja ta' l-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija u li nkwantu ghall-imputat Matthew Muscat il-fedina penali netta tieghu, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputati Elaine Muscat u Matthew Muscat ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u mitt lira Maltin (Lm100) multa kull wiehed u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputati jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputati Elaine Muscat u Matthew Muscat li bejniethom ihallsu s-somma ta' mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) lill-kumpanija *Basic Malta Limited* li hija l-proprjetarja ta' l-istabbiliment *Celio* bhala hlas tal-valur *cost price* tal-oggetti misruqa mill-imsemmija imputati rigwardanti dan il-kaz u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

Rigward it-tieni akkuza, fil-konfront taz-zewg imputati, tenut kont dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Elaine Muscat u Matthew Muscat l-ispjegazzjonijiet preskritti fl-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------